*Fit-Tribunal Industrijali*

*Fil-Kwistjoni tax-Xoghol*

*bejn:*

*Carabott Anthony*

*u*

*B.IM Limited*

*Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta.*

*Kaz Nru 2716/JB*

*Decizjoni numru __2191_________*

*Illum 7 ta' Dicembru 2012.*

*Chairman Avv Dr Joseph P Bonnici*

## Introduzzjoni

Illi r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni valida u mhux ai termini tal-ligi.

Da parti taghha, is-socjeta intimata irrispondiet li mxiet sia skond il-ftehim kollettiv u sia skond il-ligi applikabbli.

Illi b'sentenza datata 27 ta' Ottubru 2011 l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata u rrimettiet l-atti lil dan it-Tribunal sabiex il-kaz jigi trattat u deciz dwar il-meritu.

**Provi**

Ir-rikorrent xehed illi huwa ma kellux ghalfejn jigi terminat mill-impjieg li kellu. Anki l-payslips kienu jindikaw hekk. Una volta huwa ma kienx jahdem fid-dipartiment tal-Light Engineering izda sempliciment kien assenjat ghal xi zmien hemmhekk. Huwa kellu jinqabez.

Inoltre gietx applikata r-regola tal-last in first out fil-konfront tieghu.

Sussegwentement gie skopert li ddahhlu nies jahdmu minghajr ma giet lilu offruta l-possibilita' ta' ri-impjieg. In kontroezami xehed li hadem aktar barra milli gewwa l-galvanising station.

Is-socjeta intimata pproduciet lil *Charles Ebejer*, Manager taghha. Dana ikkonferma l-istat prekarjutal-kumpanija u li kellu jiehu mizuri drastici, inkluz tnaqqis fin-numru tal-haddiema biex jipprova jsalva l-kumpanija .

Huwa mexa skond il-ftehim kollettiv u l-ligi. A rigward ta' xi differenza fin-nomenklatura fil-payslips, kienet sempliciment

indikazzjoni amministrattiva li ma tirriflettix sia fuq ix-xoghol minnu maghmul u sia fejn kien u x'kien Dipartiment biex jahdem.

*Jennifer Debono,* in rapprezentanza tal-ETC xehdet li wara li spicca r-rikorrent ma gewx impjegati nies ohra fil-kariga li kellu huwa. Esibiet ukoll lista tal-haddiema kif gew impjegati.

*Carmel Zammit,* li kien shop steward xehed li kien jaghmel xoghol fejn kien ikun hemm bzonn anki fuq barra. Il-flessibilita' kienet tezizti minn dejjem. Dak li dahal warajhom tpogga fuq fl-istores mhux fejn kien jahdem huwa.

## Konsiderazzjonijiet

Illi l-kwistjoni tal-pagament ghas-saldu da parti tas-socjeta intimata giet sorvolata bis-sentenza fuq indikata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi s-socjeta intimata ggustifikat it-terminazzjoni mill-impjieg a bazi ta' redundancy. Hija gurisprudenza kostanti li una volta titqajjem din id-difiza allura jkollha l-oneri li tippruvah – vide: A. Petrella -vs-
A. Mercieca Bathroom Centre (23/2/96) ; W. Sammut vs A Cons Ltd (4/12/02); A. Tabone vs FXB Furniture Ltd (10/06/91); Anton Bonnici vs Plumber Ltd (6/8/03). J. C. Camilleri vs Megabyte Ltd (10/05/02). Issir riferenza ukoll ghal deczijoni ricenti moghtija minn dan it-Tribunal u konfrontata mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Mario Psaila vs Melita Plc (26/6/12).

Pero fil-kaz in dezamina jigi ribadit li l-ebda enfasi ma saret fuq din il-prova u wisq anqas giet mitluba. Donnu li r-rikorrent kien jaf bl-istat tal-kumpanija u accetta s-sitwazzjoni. Kien a konoxxenza bl-ezistenza tal-istat tal-fabbrika li kien jahdem fiha.

Kien ilu hafna snin jahdem hemm u kellu a konjizzjoni tieghu it-trepass tal-kumpanija. Li qed jigi kontest mir-rikorrent huwa li t-terminazzjoni tieghu ma kellhiex addebitata lilu izda 1) ma kienx qed jahdem fid-Dipartiment tal-Light Engineering u 2) ma kienx imiss lilu li jispicca bla xoghol izda terzi.

Illi l-kontendenti jaghmlu riferenza ghall-Art 381 Demotions & Redundancy by Department tal-Ftehim Kollettiv datat 18 ta' Mejju 2006. Dana jistipula li i)in declaring departmental redundancy and/or making departmental demotions in a particular grade/trade due to curtailment or lack of work, the employees having the least seniority in that particular grade/trade will ordinarily be discharged or demoted first provided that when the said employee who is being demoted or discharged, has previously held on a permanent basis a job at an equal or lower rate of pay in another trade or grade if he has more seniority in this other trade & grade, then employee with the least seniority in this latter grade/trade in demoted or discharged.

Dan is-subartikolu specifiku huwa awtospjegatorju u ghalhekk gie accettat mir-rikorrent. Pero huwa jikkontendi li dment in-nuqqas kien fid-dipartiment tal-Light Engineering, ma kienx jirrigwardja lilu. Huwa ma kienx membru ta' dak id-Dipartiment izda tad-Dipartiment tal-Galvanising.

Kien sempliciment misluf hemm. Huwa ipprova jiggustifika tali azzjoni tramite dokumentazzjoni ta' payslips. Pero minn hemm dan jirrizulta l-kuntrarju.

Fis-snin 2004-2009, hadem biss hamsa u ghoxrin (25) gurnata fis-sezzjoni tal-Galvanizing, Shift allowance kien jithallas f' dan id-Dipartiment imma fil-Light Engineering le.

Anke fit-termination notice tal-ETC jidher bhala sheet metal worker/ boiler maker. Dan jinkompora mhux lid-Dipartiment tal-Galvanising izda dak tal-Light Engineering.

Meta gie infurmat li kien ser jinghataw is-sensija f' dan id-Dipartiment inkluz huwa ma ghamel l-ebda protesta u/jew osservazzjoni.

A rigward tal-applikazzjoni tar-regola 'last in first out' din giet applikata rigorozament. Mid-dokumenti esibiti mir-rapprezentant tal-ETC jirrizulta li dawk il-persuni li kienu fil-grad tieghu u li baqghu impjegati wara li spicca huwa kollha gew impjegati qabel ir-rikorrenti.

Huwa gie impjegat fil- 5 ta' Marzu 1973 mentri Busuttil Anthony, fit-22 ta' Marzu 1971, Cachia John, fis-26 ta' Awwissu 1964 u D' Alfonso Mario fil- 31 ta' Mejju 1971, Mizzi Robert fil- 31 ta' Mejju 1971.

Ma jirrizultax li kien hemm xi haddiema li gew impjegati warajh u ghadhom fil-impjieg.

Inoltre ghalkemm kien veru li gie impjegat persuna ohra Xuereb David – wara li spicca hu gie ngaggjat fil-grad ta' store- keeper.

## Konkluzjoni

Illi t-Tribunal jiddeciedi li r-rikorrent kien jifforma parti mid-Dipartiment tal-Light Engineering, illi r-redundancy fl-istess Dipartiment kienet kawza gusta, giet applikata regola 'last in first out' fil-konfront tieghu, u lanqas ma gie impjegat haddiehor warajh fil-grad li kellu hu.

Drittijiet jammontaw ghal hamsa u tmenin Euro (€85).

**Dr Joseph P Bonnici**
***Chairman.***

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju